GĦAXAQ

Minuti tal-laqgħat Nru. 28 tal-Kunsill Lokali Għaxaq li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, nhar it-Tnejn, 6 ta' Diċembru 2010, fis-1.00pm.

| **Preżenti** | **Il-Membri** |
| --- | --- |
| Is-Sindku | Is-Sur Emanuel Vassallo |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joe M. Abdilla |
| Il-Kunsillieri | Is-Sinjura Rose Agius<br>Is-Sur Angelo Attard |

| Uffiċċjali | |
| --- | --- |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sinjura Therese Xuereb |

Aġenda

1. Minuti;
2. Tagħrif mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. Materji Finanzjarji
   a) Petty Cash Novembru 2010;
   b) Skeda ta' Ħlas Novembru 2010;
   c)Approvazzjoni ta' l-Estimi Finanzjarji (Jun – Sept 10):- Kumitat tal-Finanzi;
   d) Abbozz ta' l-Estimi Għas-Sena 2010 – 2011;
5. Rapport Amministrattiv 2010;
6. Laqgħa Annwali tal-Lokalita';
7. Suġġerimenti mill-Kunsilliera.


Kunsill Lokali – Ghaxaq – Local Council
15, Vjal il-Labour, Ghaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

1. **Minuti**

Il-Minuti tas-Seduti Nru 27 ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku staqsa kienx hemm rimarki. Peress li ma kienx hemm rimarki huwa ppropona li jkunu adottati. Issekonda l-Kunsillier Attard.

Il-Kunsill qabel unanimament.

2. **Tagħrif mill-Minuti**

a. Dwar Memo 126/2010 Attivitajiet b'risq il-*Community Chest Fund,* is-Sindku qal li l-Kunsill kien se jagħmel *Coffee Morning* nhar il-Ħamis, 9 ta' Diċembru, 2010, iżda dan tħassar minħabba li ma kienx hemm konkorrenza minn naħa tar-residenti.

b. Dwar il-laqgħa Plenarja li ghaliha attendew is-Sindku flimkien mas-Sinjura Rose Agius. Is-Sindku flimkien mas-Sinjura Agius qalu li dwar din il-laqgħa ġew diskussi t-tfal kif ukoll l-użu tas-swali ta' l-iskejjel tal-Gvern.

c. Dwar id-*Diaries* l-aħjar offerta kienet dik ta' Paulprint u għalhekk il-Kunsill iddeċieda li jordna 100 *Diary*. Filwaqt li dwar il-kartolini ġie deċiż li l-flus tagħhom jingħataw donazzjoni ta' €500 lill-*Community Chest Fund*.

3. **Korrispondenza li rċieva l-Kunsill:- ( Posta & emails)**:-

1. Mid-Dipartiment fejn infurmaw li l-preżentazzjoni tal-Premijiet Nazzjonali għal Appoġġ lill-Intrapriża ser isir fit-3 ta' Diċembru, 2010, fejn ġejna mogħtija premju ta' €5,000 flimkien ma' ċertifikat u *trophy*.
Infurmaw ukoll li fl-1 ta' Diċembru, 2010, ser isir laqgħa Urġenti dwar Kapitali Ewropea tal-Kultura li għaliha attenda s-Sindku. Is-Sindku qal li din kienet dwar Kapitali Kulturali Ewropea li ser iġib magħha il-promozzjoni tal-kultura u ser tinkoraġġixxi bliet biex iqiegħdu l-kultura fiċ-ċentru tal-iżvilupp u l-innovazzjoni.

2. Mill-A.K.L., fejn għarrfu li saru xi diskussjonijiet mal-MEPA sabiex f'kull lokalita' jitwaħħlu *notice boards* għall-għarfien tar-residenti, fl-istess waqt intlabna sabiex nindikawlhom post fejn jistgħu jitwaħħlu. Il-Kunsill qabel li dawn jitwaħħlu, ħdejn il-Bank of Valletta, ħdejn l-Iskola u fejn il-grawnd fil-Qasam tad-Djar.
Irċevejna wkoll li fl-20 ta' Diċembru, 2010, ser jitqassmu xi kotba dwar l-Ewropa fejn dawn ser ikunu f'kull Kunsill Lokali sabiex ir-residenti jkunu mgħarrfa b'dak kollu li jkun qed jiġri.

3. Mill-M.E.P.A. rċevejna dwar Applikazzjonijiet Ġodda ta' Żvilupp Nru. PA 4328/10 għal bidla fil-kategorija fil-liċenzja ta' ħanut fi Triq il-Gudja.
Applikazzjonijiet Ġodda ta' Żvilupp Nru. PA 4510/10 għal alterazzjonijiet f'sit fi Triq it-Tumbarellu.

4. Mit-Taqsima Proprjeta’ tal-Gvern, fejn ġejna mgħarrfa li t-Turretta ser taqa’ taħt ir-responsabbilita’ tagħna, din konna tlabna d-devoluzzjoni tagħha, fejn għandhom jinfurmawna bid-data tal-iffirmar tal-ftehim. Is-Sindku qal li l-Kunsill se jingħata iċ-ċwievet biex jara għalfejn tista’ tintuża. Ġie deċiż li l-Kunsill jikkuntattja lil-Din l-Art Ħelwa biex tgħin fir-restawrar.

5. Mill-*Medicine Authority*, fejn infurmaw li ser jitqassmu xi *leaflets* fil-Kunsilli b’informazzjoni ġenerali għall-pubbiku..

6. Mit-Transport Malta, fejn infurmaw li talba li konna għamilna għall-*road hump* fi Triq G. Vella ma ġietx aċċettata.
Għarrfu wkoll li dawk it-toroq li jaqgħu taħt ir-responsabbilta’ tal-Kunsill għandhom ikunu f’kundizzjoni tajba u kif suppost.

7. Mill-GAL Xlokk, fejn infurmaw li ser isir xi sessjoni ta’ taħriġ fit-3 ta’ Diċembru, 2010.

8. Mill-ASKLM, fejn għarrfu li ser isir Laqgħa Annwali Straodrinarja / Elezzjoni tal-Eżekuttiv fis-7 ta’ Diċembru, 2010.

9. Mingħand il-MEUSAC, fejn kellna diversi e-mails dwar il-proġett tal-ESF, fejn infurmajnihom li konkorrenza mill-pubbliku ma kellniex għaldaqstant l-għan tal-kors ma ntlaħaqx u għalhekk għarrfuna li nistgħu niġbru id-depożitu ta’ € 500 li kien sar mill-Kunsill.

10. Mill-Għaqda Mużikali St.Marija, fejn infurmawna bil-Kumitat kif ġie kompost.

11. Mingħand *Schembri Infrastructures Ltd*, fejn bagħatu xi rapporti dwar Triq il-Ħannieqa.

12. Mingħand is-Sur Azzopardi, irċevejna l-irċevuta li kull kunsillier u anke staff tal-Kunsill għamel bħala donazzjoni lit-tifla tiegħu.

13. Mill-Iskola Primarja ta’ Ħal Għaxaq, fejn is-Sindku kif ukoll il-Kunsill irċieva nvit għaċ-Ċerimonja tal-Premjazzjoni li ser isir nhar il-Ġimgħa, 10 ta’ Dicembru, 2010, fis-6.00 pm.

14. Mingħand il-Koperattuva Rurali Manikata, fejn bagħatu l-prezzijiet tagħhom flimkien ma’ xi tagħrif ieħor għal Żjarat lill-*AirMalta Rural Heritage Trail*.

15. Mill-Awtorita’ tad-Djar fejn talbu sabiex inkunu preżenti għal laqgħa li ser isir fuq l-‘*Upgrading Works in Housing Estate*’, fis-26 ta’ Novembru, 2010, attendew għaliha s-Sindku u s-Segretarju. Dawn ta’ l-aħħar qalu li se toħroġ skema fejn il-Kunsilli jaraw x’jinħtieġ isir fil-komun tal-*flats* fil-*Housing Estates* u l-madwar biex jittejjeb l-ambjent. L-Awtorita’ tad-Djar tikkonsidra l-aħjar proposti w dawk il-Kunsilli bl-aħjar proposti jingħataw il-fondi.

16. Mingħand *Reel8 Productions*, infurmaw li ser isir programm tat-Tfal fuq it-*television*. Bl-isem ‘Raħal Twelidi’, fejn stiedinu lil kull lokalita’ sabiex tieħu sehem f’dan il-programm.


Kunsill Lokali – Ghaxaq – Local Council
15, Vjal il-Labour, Ghaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

17. Mingħand il-Librara tal-Kunsull, fejn staqsiet fuq xi siegħat ta' lejliet il-Milied u l-Ewwel tas-Sena, jekk tistax taħdimhom drabi oħra matul ix-xahar. Il-Kunsill qabel li din tista' tiftaħ il-Ġimgħa filgħodu biex tkopri is-siegħat.

18. Mingħand St.Patrick's Salesian School, fejn bagħatu jinfurmaw li tista' tixtri 4 pjanti ta' Malta mill-Kollezzjoni ta' Dr. Ganado, prezz ta' € 250.

**4. <u>Materji Finanzjarji</u>**

*a.* *Petty Cash*: Is-Segretarju elenkat infieq li sar mill-flus fl-idejn matul Novembru 2010, li kienu jammontaw għal € 42.05. Il-Viċi Sindku qara l-lista tan-nefqiet li saru u ressaq l-istess lista għal kummenti u l-approvazzjoni tal-membri tal-Kunsill. Is-Segretarju talbet li tiġi kkumpensata b'€ 42.05 għall-*petty cash*. Il-Kunsill qabel, wara li l-proposta kienet sekondata mill-Kunsillier Attard.

*b.* *Skeda ta' Ħlas – Novembru 2010*: Is-Segretarju poġġa fuq il-Mejda Skeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Novembru 2010 u li jammontaw għal €40,084.26. Is-Sur Abdilla qara lista tal-pagamenti u wara ressaq l-approvazzjoni tal-Iskeda tal-Ħlas u ġie sekondat mis-Sinjura Agius. Il-Kunsill qabel unanimament.

*c.* *Karta Bilanċjali – (Jun – Sept '10)* Il-Viċi Sindku qara u poġġa fuq il-mejda kopja tal-Minuti Numru 3 tal-Kumitat tal-Finanzi fejn il-Karta Bilanċjali (Appendiċi A) tat-Tielet Kwart ġiet approvata. Hu ppropona li l-Kunsill jadotta l-Minuti li jinkludu l-Karta Bilanċjali.

Issekondat is-Sinjura Agius u l-Kunsill qabel.

*d.* *Is*-Segretarju ħejja abbozz ta' l-Estimi Finanzjarji għas-Sena 2011, ibbażat fuq id-dħul u l-ħruġ li kien hemm fis-sena preċedenti. L-abbozz ġie moqri u diskuss u wara proposta mis-Sindku sekondat mill-Viċi Sindku, l-Kunsill qabel li dan l-abbozz jiġi ppreżentat ghad-diskussjoni tal-Laqgħa Annwali tal-Lokalita'.

L-Estimi kif aġġornati wara jkunu approvati f'Seduta oħra.

**5. <u>Rapport Amministrattiv 2010</u>;**

Is-Segretarju ħejja Rapport Amministrattiv li jkopri l-ħidma mwettqa mill-Kunsill matul is-sena 2010.

Wara diskussjoni, l-Membri qablu ma' emendi li kellhom jiġu ntegrati ma' l-abbozz li se jkun mressaq għas-Seduta Annwali.

Ir-Rapport tressaq mis-Sindku u ssekondat mis-Sinjura Agius.

**6. Laqgħa Annwali tal-Lokalita'**

Wara diskussjoni qasira dwar l-aħjar ġurnata meta ssir il-Laqgħa Annwali, sar qbil li ssir fit-tielet ġimgħa ta' Jannar u tkun segwita b'Laqgħa tal-Kunsill.

Fil-laqgħa jittieħdu l-ilmenti tal-pubbliku u reġistrati fil-Minuti biex il-Kunsill jara x'jista' jattwa minnhom. Il-Kunsill ikun jeħtieġ li japprova l-Estimi għas-Sena d-dieħla wara li tintemm il-Laqgħa tal-Lokalita'.

**7 Suġġerimenti mill-Kunsilliera.**

a. Is-Sur Abdilla qal li hemm bżonn tinħareġ *Default Notice* lill-kuntrattur tal-ġbir ta' l-iskart, is-Sur Wilson Mifsud minħabba li dan qed jikser il-kuntratt għax mhux qiegħed jiġbor il-boroż tar-riċiklaġġ nhar ta' Ġimgħa iżda qiegħed jiġborhom biss nhar ta' Tlieta.

Is-Sindku qal li fuq parir mogħti mill-*Greenpak*, il-kuntrattur, is-Sur Mifsud ġie mġiegħel sabiex għalissa sakemm in-nies jidraw jikkoperaw fil-ġbir tal-boroż tar-riċiklaġġ, il-boroż il-griżi jinġabru nhar ta' Tlieta biss.

Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li jsir tibdil fil-kuntratt fejn jippermetti li il-ġbir tal-boroż il-griżi jsir nhar ta' Tlieta biss.

b. Is-Sur Abdilla qal li hemm ħafna ħofor Bir id-Deheb. Is-Sindku qal li hemm diversi toroq li fihom il-ħofor u dawn se jiġu ippeċċjati mill-ħaddiema assenjati mal-Kunsil.

c. Il-Viċi Sindku qal ukoll li quddiem id-dar tas-Sur Andrew Borg fi Triq Santa Marija hemm *wire* li huwa imdendel u perikoluż. Is-Sindku qal li dan il-*wire* u tal-*Melita Cable* jew tat-telefon għax diġa' ċċekkja hu. Qal ukoll li issa jċempel biex dan jittranġa.

d. Is-Sindku qal li jixtieq jagħmel il-laqgħa mal-Għaqdiet ta' wara il-festi tar-raħal. Il-Kunsill qabel li din il-laqgħa issir fil-20 ta' Diċembru, 2010.

e. Is-Sindku qal li jixtieq li jagħmel tabelli bl-ismijiet tal-ħwienet u dawk is-sidien li jkunu jridu li l-isem tal-ħanut jidher fuq it-tabella jintalbu jħallsu €10. Il-Kunsill qabel.

f. Is-Sur Vassallo qal fejn il-kuntrattur neħħa it-tabelli li kien waħħal fi Triq id-Dejl hemm it-toqob li jeħtieġ jiġu mgħottijin. Il-Kunsill qabel

g. Is-Sur Angelo Attard qal li hemm bozza fi Triq il-Ġewwenija li jeħtieġ tinbidel. Il-Kunsill qabel.

h. Is-Segretarju qalet li ġiet is-Sinjura Vivian Barbara l-uffiċċju u qalet li jekk il-Kunsill ikun jaf b'xi ħadd li jkollu xi fajjenza, ħwejjeġ jew affarijiet oħra tajbin għar-Razzett tal-Ħbiberija, dawn jistgħu jinġabru u jiġu jiġbruhom nies mir-Razzett stess.

i. Is-Sur Attard qal li hemm persuna li għandha gidja u ried jara jekk il-Kunsill jixtieqx jieħu din il-gidja u jippreżentha lir-Razzett tal-Ħbiberija.

j. Is-Sindku qal li jeħtieġ li nordnaw 100 borża tarmak biex nimlew xi ħofor li hemm fis-*service road f'Għaxaq By Pass* . Il-Kunsill qabel.

k. Is-Sinjura Agius qalet li għadu ma' sar xejn fil-parapett tad-dar ta' dik il-familja li ġiet tilmenta l-Kunsill. Is-Sindku qal li se jkellem lill-kuntrattur biex jirranġa dan il-parapett.

l. Is-Sinjura Agius qalet li l-bozza fi Triq San Ġorġ għadha ma saritx. I-Sindku qal li l-Kunsill applika għaliha l-Enemalta u għadu ma' rċieva xejn.

**8. <u>Aġġornament</u>**

Is-Sindku fil- 4.15pm aġġorna s-Seduta għal nhar it-Tnejn 10 ta' Jannar 2011 fis-2.00pm.

**Emanuel Vassallo**
Sindku

**Therese Xuereb**
Segretarju Eżekuttiv

**<u>Ikkonfermati:- It-Tnejn 10 ta' Jannar 2011, fis-2.00pm.</u>**